MALTA

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

## ONOR. IMHALLEF
## GINO CAMILLERI

Seduta ta' l-24 ta' Gunju, 2010

Citazzjoni Numru. 999/2009

**Jean Agius, Frank Agius u Carmela ahjar maghrufa bhala Ena mart Edwin Mifsud proprio u fl-interess tal-assenti Rachel Agius**

**vs**

**Budget Services Limited**

Il-Qorti

Rat ir-rikors guram,entat ta’ Jean Agius, Frank Agius u Carmela ahjar maghrufa bhala Ena mart Edwin Mifsud proprio u fl-interess tal-assenti Rachel Agius fejn gie premess:-

1. Illi l-atturi jaghmlu riferenza ghall-ipoteka specjali ta’ elfejn tliet mija u disgha u ghoxrin euro u sebgha u tletin

centezmu (€2329.37) ekwivalenti ghal elf lira maltin (Lm1000) gravanti l-fond proprjeta’ taghhom ossia appartament bin-numru tnejn (2), Hyde Park Apartments, Park Towers, Triq George Borg Olivier, San Giljan, kif ukoll ‘garage space,’ liema somma kellha tithallas mill-atturi a favur is-socjeta’ konvenuta qua socjeta’ venditrici u dana skont kuntratt ta’ bejgh u xiri datat 20 ta’ Dicembru, 1990 fl-atti tan-Nutar Pubbliku Charles Vella Zarb (ara kuntratt ta' bejgh u nota ta’ iskrizzjoni ipotekarja hawn annessi u mmarkati ‘Dok. 'JA1' u 'JA2' rispettivament), liema somma kellha tithallas mill-atturi a favur tas-socjeta' venditrici konvenuta meta jitlestew ix-xogholijiet imsemmija fl-imsemmi att pubbliku u liema somma giet iddepositata mill-atturi permezz ta' cedola ta' depositu mressqa kontestwalment mal-presenti rikors (Dok. 'JA5').

2. Illi l-atturi jirrilevaw li llum il-gurnata m'hemm l-ebda raguni valida fil-ligi halli tali ipoteka specjali tibqa' fis-sehh.

3. Illi l-atturi interpellaw lis-socjeta' konvenuta fir-‘registered office' taghha (vide Dok. 'JA3' u 'JA4' rispettivament) izda dan kien kollu ghalxejn u l-istess socjeta' konvenuta baqghet inadempjenti.

4. Illi l-atturi ghalhekk qed jipprocedu gudizzarjament halli l-Qorti tordna l-kancellament ta’ tali ipoteka specjali billi m'hemm l-ebda raguni valida fil-ligi halli tali ipoteka specjali tibqa' tiggrava tali fond u 'garage space'.

Ghalhekk l-atturi qed jitolbu li s-socjeta' konvenuta tghid ghalfejn dina l-Qorti m'ghandhix:-

tiddikjara illi l-ipoteka specjali ta' elfejn tliet mija u disgha u ghoxrin euro u sebgha u tletin centezmu (€2329.37) ekwivalenti ghal elf lira maltin (Lm1000) gravanti l-fond proprjeta' taghhom ossia appartament bin-numru tnejn (2), Hyde Park Apartments, Park Towers, Triq George Borg Olivier, San Giljan, kif ukoll 'garage space,' tinsab hemm illum minghajr ebda raguni valida fil-ligi.

tordna per konsegwenza t-tahsir ta' tali ipoteka specjali.

tiffissa lok, jum u hin u tahtar nutar pubbliku halli jippubblika l-Att ta' kancellament relattiv.

tinnomina kuraturi deputati ghall-eventwali kontumacja tas-socjeta' konvenuta li taddivjeni ghall-att imsemmi.

Bl-ispejjez u bir-riserva ta' kull dritt iehor spettanti lill-atturi kontra s-socjeta' konvenut skond il-ligi.

Rat ir-risposta guramentata tas-socjeta' konvenuta Budget Services Limited fejn gie eccepit:-

1. Illi s-socjeta' eccipjenti ma ghandha, u qatt ma kellha, oggezzjoni li i-atturi jhallsu l-bilanc tal-prezz minnhom dovut skond il-kuntratt ta' akkwist minnhom esebit bil-kancellament tal-ipoteka specjali relattiv iskritta favur is-socjeta' konvenuta.

2. Illi minghajr pregudizzju ghas-suespost is-socjeta' eccipjenti qatt ma giet interpellata ufficjalment tersaq ghall-att notarili ghall-kancellament ta' l-imsemmija ipoteka specjali u kwindi dawn il-proceduri huma intempestivi u ghalhekk l-ispejjez ta' din il-kawza ghandhom ikunu a karigu ta' l-atturi.

3. Illi minghajr pregudizzju ghas-suespost, is-socjeta' konvenuta dejjem qablet mal-hlas tal-bilanc da parti ta' l-atturi u l-kancellament ta' l-ipoteka specjali izda dan seta' biss isir meta d-diretturi tas-socjeta' eccipjenti ikunu prezenti f Malta. L-atturi flok stennew il-wasla taghhom, issorprendew lis-socjeta' konvenuta b' din il-kawza u ghalhekk l-ispejjez kollha ta' din il-kawza kif ukoll l-ispejjez relatati mal-hatra ta' kuratur u publikazzjoni tal-kuntratt relattiv fl-ezekuzzjoni eventwali ta' sentenza moghtija minn din il-Qorti ghandhom ikunu a karigu esklussiv tal-atturi.

Rat il-verbal tas-seduta tal-24 ta' Novembru 2009 minn fejn jirrizulta li d-difensur tal-attiuri ddikjara li l-partijiet qed jaqblu sostanzjalment dwar l-ezitu ta' din il-kawza u hemm

il-hsieb li ssir nota kongiunta fejn ser jintalab biex tinghata sentenza fuq dak li ser jigi miftiehem bejn il-partijiet.

Rat il-verbal tas-seduta tat-22 ta Frar 2010 minn fejn jirrizulta li d-difensur tal-konvenuti kkonferma li l-partijiet jaqblu illi l-konvenuti ser jammettu t-talba u sussegwentement tnghata sentenza li biha tigi okkordata t-talba, bl-ispejjerz sas-seduta tal-lum jibqghu bla taxxa bejn il-partijiet pero' l-ispejjez ulterjuri li jsiru mis-seduta in kwestjoni sas-sentenza jithallsu mill-atturi.

Rat in-nota tat-23 ta' Marzu 2010 tas-socjeta' konvenuta li biha gew ammessi t-talbiet attrici u dana skond it-termini tal-verbal li jinsab fl- atti.

Rat l-atti kollha tal-kawza u d-dokumenti esibiti.

Rat li l-kawza giet differita sabiex tinghata s-sentenza.

Ikkunsidrat:-

Mill-imsemmija verbali tas-seduti tal-24 ta' Novembru 2009 u tal-22 ta 'Frar 2010 jidher li l-partijiiet qed jaqblu li tinghata sentenza fis-sens tal-verbal tal-istess seduta tat-22 ta' Frar 2010. Di piu l-konvenuti ammettew it-talbiet attrici kwindi l-Qorti ser tghaddi biex tghati s-sentenza fit-termini tal-istess verbal tas-seduta ta' Frar 2010.

Ghal dawn il-motivi:-

Fuq l-ammissjoni tal-konvenuti u ai termini tal-verbal tat-22 ta' Frar 2010 tiddeciedi billi tilqa t-talbiet attrici u tiddikjara illi l-ipoteka specjali ta' elfejn tliet mija u disgha u ghoxrin euro u sebgha u tletin centezmu (€2329.37) ekwivalenti ghal elf lira maltin (Lm1000) gravanti l-fond proprjeta' tal-atturi ossia appartament bin-numru tnejn (2), Hyde Park Apartments, Park Towers, Triq George Borg Olivier, San Giljan, kif ukoll 'garage space,' tinsab hekk gravanti minghajr ebda raguni valida fil-ligi u per konsegwenza tordna t-thasir ta' tali ipoteka specjali. Tordna li l-att relattiv ta' kancellament ghandu jigi pubblikat sa mhux iktar minn tlett (3) xhur millum minn

Nutar Dottor Eric Wadge li qed jigi nomnat ghal dan l-iskop. Tinnomina lill-Avukat Dottor Nicolai Xureb bhala kuratur deputat biex jidher ghall-eventwali kontumaci.

Spejjes sas-seduta tat-22 ta Frar 2010 bla taxxa bejn il-partijiet pero’ l-eventwali spejjez ulterjuri li jsiru wara l-imsemmija seduta jithallsu mill-atturi.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------